# UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org


*14 ta' Novembru, 2009*

121/2009

## KONFERMA LI L-PAPA BENEDITTU XVI SE JŻUR MALTA

Il-Papa Benedittu XVI se jżur Malta s-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta' April 2010, fl-okkażjoni tal-1950 anniversarju tan-nawfraġju ta' San Pawl. Il-Papa se jasal Malta s-Sibt wara nofsinhar u jħalli pajjizna l-Ħadd filgħaxija. Mal-wasla tiegħu, wara laqgħat mal-ogħla Awtoritajiet Ċivili, il-Qdusija Tiegħu se jżur il-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat. Il-Ħadd filgħodu, il-Papa se jmexxi ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fuq il-Fosos tal-Furjana u wara nofsinhar, laqgħa maż-żgħażagh fil-Valletta Waterfront.

Il-konferma taż-żjara tal-Papa Benedittu XVI qed titħabbar wara li fit-12 ta' Settembru sar magħruf li kien hemm possibilita' li l-Papa jżur Malta s-sena d-diehla. Dan kien possibbli wara l-istedina mill-Isqfijiet ta' Malta u mill-President tar-Repubblika.

Id-dettalji dwar il-programm taż-żjara tal-Papa jitħabbru aktar il-quddiem.